MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 153/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-esponent izzewweg lill-intimata permezz ta' cerimonja religjuza fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A);
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Joseph Robert John Muscat fid-disgha (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Kopja annessa Dok B);
3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, Nicholas, illi ghandu tlettax-il sena u lahqu kull

ftehim mehtieg u necessarju rigwardanti l-kura u kustodja, access u manteniment u m'ghandhom ebda kwistjonijiet pendenti t'ebda natura bejniethom;

4. Illi l-esponent iddiskuta mal-avukat tieghu Dottor Chris Cilia LL.D. il-possibilita ta' rikonciljazzjoni u inghata mill-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (Dikjarazzjoni annessa Dok C), u ikkkonkluda li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi ghaddew erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara li z-zwieg tieghu ma l-intimata Anne Marie Galea Frendo hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijeit sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu, 2012;

Rat il-verbal taghha tat-18 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu ir-rikorrenti ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smigh tar-rikors u Dr Chris Cilia informa lill-Qorti illi huwa kien qed jippatrocinja ukoll lill-intimata illi awtorizzatu sabiex jaghti ruhu b'notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smigh tieghu f'isimha u infurmatu wkoll illi ma kellha ebda oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonferma ir-rikors bil-gurament tieghu;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat mahlul u peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Settembru 2005;

Illi huwa ipprova ukoll illi minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed biss u illi ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti dwar manteniment;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti fir-rigward ta' manteniment fil-konfront tal-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tiddikjara illi z-zwieg tal-partijiet huwa mahlul u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------